**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 867/00

J.M. Supplies Company Limited

Vs

Wignacourt Hotels Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm 310.55) dovuta bhala prezz ta' 'office stationery/equipment' li kienu ordnaw u xtraw mis-socjeta attrici fir-rigward taghhom, bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Marzu 2000, kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsU lil atturi is-somma mitluba ta’ tlett mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm310.55) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mis-26 t’Awissu tas-sena 1999; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg